SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

13 ta' Lulju 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Bejgħ u garanzija ta' oġġetti ta' konsum – Direttiva 1999/44/KE – Artikolu 5(1) – Terminu tar-responsabbiltà tal-bejjiegħ – Terminu ta' preskrizzjoni – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) – Oġġetti użati – Limitazzjoni kuntrattwali tar-responsabbiltà tal-bejjiegħ"

Fil-Kawża C-133/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d'appel de Mons (qorti tal-appell ta' Mons, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Marzu 2016, fil-proċedura

Christian Ferenschild

vs

JPC Motor SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, M. Berger (Relatur), A. Borg Barthet, E. Levits u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal C. Ferenschild, minn P.-E. Partsch, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn J. Van Holm u J.-C. Halleux kif ukoll minn M. Jacobs, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn G. Goddin kif ukoll minn D. Roussanov, bħala aġenti, sussegwentement minn G. Goddin u C. Valero, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' April 2017,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Christian Ferenschild u JPC Motor SA dwar, b'mod partikolari, talba għal kumpens għad-dannu sostnut minħabba n-nuqqas ta' konformità li bih kienet ivvizzjata l-vettura li huwa xtara mingħand din il-kumpannija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-premessa 7 tad-Direttiva 1999/44:

"Billi l-oġġetti għandhom, fuq kollox, jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet kontrattwali; billi l-prinċipju ta' konformità mal-kuntratt jista' jkun ikkunsidrat li huwa komuni għat-tradizzjonijiet nazzjonali legali differenti; billi f'ċerti tradizzjonijiet legali nazzjonali jista' ma jkunx possibbli li wieħed jafda biss fuq dan il-prinċipju biex jiżgura livell minimu ta' protezzjoni għall-konsumatur; billi f'dawn it-tradizzjonijiet legali, b'mod partikolari, jistgħu jkunu bżonnjużi dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali sabiex jiżguraw li l-konsumatur ikun protett f'każijiet fejn il-partijiet [ma jkunux] ftehmu fuq termini speċifiċi kontrattwali jew fejn il-partijiet [ikunu] kkonkludew it-termini kontrattwali jew ftehim li direttament jew indirettament jirrinunzjaw jew jirrestriġu d-drittijiet tal-konsumatur u li, għall-estent li dawn id-drittijiet jirriżultaw minn din id-Direttiva, ma [jkunux jorbtu] lill-konsumatur."

4 Il-premessa 16 ta' din id-direttiva tistipula:

"Billi minħabba n-natura speċifika ta' oġġetti wżati huwa ġeneralment impossibbli li jinbidlu; billi għal dan il-għan [konsegwentement] id-dritt tal-konsumatur għat-tibdil ġeneralment m'huwiex disponibbli għal dawn l-oġġetti; billi għal dawn l-oġetti, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-partijiet li jiftiehmu fuq perijodu ta' responsabbiltà mqassar".

5 Il-premessa 17 tal-imsemmija direttiva tipprovdi:

"Billi huwa xieraq li jkun limitat fiż-żmien il-perijodu li matulu l-bejjiegħ huwa responsabbli għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti fil-ħin ta' forniment ta' l-oġġetti; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għall-limitazzjoni fuq il-perijodu li fih il-konsumaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; sakemm dan il-perjodu ma jiskadix fi żmien sentejn mid-data ta' forniment; billi fejn, fil-leġislazzjoni nazzjonali, iż-żmien meta jinbeda perijodu ta' limitazzjoni [terminu ta' preskrizzjoni] m'huwiex iż-żmien tal-forniment ta' l-oġġetti, id-dewmien totali tal-perijodu ta' limitazzjoni [tat-terminu ta' preskrizzjoni] li hemm provdut għalih fil-liġi nazzjonali m'għandux ikun anqas minn sentejn mill-ħin ta' forniment".

6 Il-premessa 24 tad-Direttiva 1999/44 tispeċifika:

"Billi l-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw jew iżommu fis-seħħ aktar dispożizzjonijiet stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva biex jiżguraw livell aktar għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur".

7 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva hija l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsumatur u garanziji assoċjati magħhom sabiex tiżgura livell uniformi minimu ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest tas-suq intern."

8 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Drittijiet tal-konsumatur", fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu jipprevedi:

"1. Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli għall-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti meta l-oġġetti kienu fornuti.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-konsumatur għandu jkun intitolat li l-oġġetti jinġiebu f'konformità mingħajr ħlas permezz ta' tiswija jew tibdil, f'konformità mal-paragrafu 3, jew li jkollu tnaqqis xieraq fil-prezz jew il-kuntratt jitħassar rigward dawn l-oġġetti, f'konformità mal-paragrafi 5 u 6."

9 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva, intitolat "Limiti ta' żmien [Termini]", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi:

"Il-bejjiegħ għandu jinżamm responsabbli skond l-Artikolu 3 fejn in-nuqqas ta' konformità ssir apparenti fi żmien sentejn minn meta l-oġġetti twasslu għandu il-konsumatur. Jekk, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, d-drittijiet stipulati fl-Artikolu 3(2) huma soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni [terminu ta' preskrizzjoni], dak il-perjodu m'għandux jiskadi f'perijodu ta' sentejn mill-forniment."

10 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 1999/44, intitolat "Natura vinkolanti", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

"Kull termini jew ftehim kontrattwali konkluż mal-bejjiegħ qabel ma tinġieb għall-attenzjoni tal-bejjiegħ in-nuqqas ta' konformità li direttament jew indirettament tirrinunzja jew tirrestrinġi d-drittijiet li jirriżultaw minn din id-Direttiva għandhom, kif hemm provdut għalihom bil-liġi nazzjonali, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, fil-każ ta' oġġetti wżati, il-bejjiegħ u l-konsumaur jistgħu jiftiehmu dwar termini jew ftehim kontrattwali li għandhom perijodu ta' żmien iqsar għall-obbligu tal-bejjiegħ [għar-responsabbiltà tal-bejjiegħ] minn dawk stipulati fl-Artikolu 5(1). Dan il-perjodu m'għandux ikun ta' anqas minn sena."

11 Skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, intitolat "Liġi nazzjonali u protezzjoni minima":

"1. Id-drittijiet li jirriżultaw minn din id-Direttiva għandhom jiġu eserċitati mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra li l-konsumatur jista' jinvoka skond ir-regoli nazzjonali li jirregolaw responsabbiltà kontrattwali jew mhux kontrattwali.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew imantnu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar iebsa, kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur."

Id-dritt Belġjan

12 Fid-dritt Belġjan, id-Direttiva 1999/44 ġiet trasposta fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Liġi tal-1 ta' Settembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-każ ta' bejgħ ta' oġġetti ta' konsum (*Moniteur belge* tal-21 ta' Settembru 2004, p. 68384), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005.

13 L-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

"1. Il-bejjiegħ huwa responsabbli fil-konfront tal-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità li jkun hemm waqt il-kunsinna tal-oġġett u li toħroġ fi żmien sentejn mid-data tal-kunsinna.

[…]

Bħala deroga mill-paragrafu 1, il-bejjiegħ u l-konsumatur jistgħu, għall-oġġetti użati, jaqblu fuq terminu ta' inqas minn sentejn iżda ta' mhux inqas minn sena.

[…]

3. L-azzjoni tal-konsumatur tiġi preskritta f'terminu ta' sena mill-jum li fih huwa kkonstata n-nuqqas ta' konformità, mingħajr ma dan it-terminu jista' jiskadi qabel it-tmiem tat-terminu ta' sentejn previst f'[paragrafu 1].

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14 Fil-21 ta' Settembru 2010, C. Ferenschild, ċittadin tal-Pajjiżi l-Baxxi li jirrisjedi fil-Belġju, xtara vettura użata mingħand JPC Motor għall-prezz ta' EUR 14 000.

15 Fit-22 ta' Settembru 2010, ir-reġistrazzjoni ta' din il-vettura ġiet irrifjutata mid-direttorat għar-reġistrazzjoni tal-vetturi (il-Belġju), peress li din irriżultat misruqa fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen. Għalhekk, ġie kkonstatat nuqqas ta' konformità tal-imsemmija vettura.

16 Fis-7 ta' Ottubru 2010, dan in-nuqqas ta' konformità ġie nnotifikat lil JPC Motor mill-assiguratur li miegħu C. Ferenschild kien għamel assigurazzjoni ta' protezzjoni ġuridika. Dan l-assiguratur invoka r-responsabbiltà tal-bejjiegħ għar-raġuni li l-vettura inkwistjoni kienet affettwata minn diffett moħbi funzjonali u huwa intimah sabiex jieħu l-vettura lura kif ukoll jirrimborsa l-prezz tal-bejgħ, bla ħsara għal spejjeż eventwali jew telf sosnut bejn id-data tal-bejgħ u l-futura data ta' annullament ta' dan il-bejgħ.

17 Wara l-miżuri meħuda minn JPC Motor deher li, fil-verità, huma d-dokumenti tal-vettura li kienu nsterqu, u mhux il-vettura fiha nfisha, u dan bl-għan li "tinħeba" vettura simili ta' oriġini frawdolenti fl-Italja. Għaldaqstant, fis-7 ta' Jannar 2011, il-vettura mixtrija minn C. Ferenschild setgħet tiġi rreġistrata b'mod regolari mid-direttorat għar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

18 Fil-21 ta' Ottubru 2011, il-konsulent ta' C. Ferenschild intima lil JPC Motor sabiex jagħti kumpens lill-klijent tiegħu għad-danni sostnuti minħabba n-nuqqas ta' konformità li bih kienet affettwata l-vettura inkwistjoni.

19 Peress li JPC Motor ikkontestat it-talba għal kumpens, billi invokat in-natura tardiva ta' din it-talba, fit-12 ta' Marzu 2012, C. Ferenschild ressaq kawża kontra din il-kumpannija quddiem it-tribunal de commerce de Mons (qorti tal-kummerċ ta' Mons, il-Belġju) sabiex jikseb kumpens għad-danni sostnuti minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-vettura inkwistjoni. Huwa talab ir-rimbors tal-ispejjeż

relatati mal-kiri ta' vettura ta' sostituzzjoni u tal-ispejjeż amministrattivi sostnuti, kif ukoll tnaqqis fil-prezz minħabba t-telf kapitali tal-vettura mixtrija, flimkien mal-interessi kumpensatorji u ġudizzjarji sa mis-7 ta' Ottubru 2010.

20 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Jannar 2014, it-tribunal de commerce de Mons (qorti tal-kummerċ ta' Mons) ċaħdet it-talba ta' C. Ferenschild.

21 Fit-3 ta' April 2014, C. Ferenschild appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-cour d'appel de Mons (qorti tal-appell ta' Mons, il-Belġju).

22 Fit-8 ta' Ġunju 2015, il-cour d'appel de Mons (qorti tal-appell ta' Mons) iddeċidiet li l-vettura mibjugħa kienet affettwata minn nuqqas ta' konformità fis-sens tal-Artikoli 1649 bis *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, iżda li dan in-nuqqas kien jidher li kien riżolt bħala riżultat tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura. Madankollu, il-ftuħ mill-ġdid tat-trattazzjoni ġie ordnat *ex officio* sabiex jippermetti lill-partijiet jippreżentaw is-sottomissjonijiet tiegħom, b'mod partikolari, dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni.

23 Fir-rigward tal-preskrizzjoni tal-azzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tindika, l-ewwel nett, li għandha ssir distinzjoni bejn it-"terminu ta' garanzija" u t-"terminu ta' preskrizzjoni".

24 F'dan ir-rigward, hija tippreċiża, minn naħa, li t-terminu ta' garanzija, previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili, huwa ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett. Skont it-tielet paragrafu tal-imsemmija dispożizzjoni, dan it-terminu jista', bi ftehim komuni bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' bejgħ, jitnaqqas għal mhux inqas minn sena għall-oġġetti użati. F'dan il-każ, il-partijiet fil-kawża prinċipali għamlu użu minn din il-possibbiltà tat-tnaqqis tat-terminu ta' garanzija għal sena.

25 Min-naħa l-oħra, it-terminu ta' preskrizzjoni, previst fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili, huwa ta' sena sa mill-jum li fih il-konsumatur jikkonstata n-nuqqas ta' konformità, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li dan it-terminu ma jistax jiskadi qabel it-tmiem tat-terminu ta' sentejn prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

26 It-tieni nett il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, f'dan il-każ, il-kawża tressqet fit-12 ta' Marzu 2012, jiġifieri iktar minn sena wara, b'mod partikolari, il-kunsinna tal-vettura inkwistjoni, li seħħet fil-21 ta' Settembru 2010, u l-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' konformità ta' din il-vettura, li seħħet fit-22 ta' Settembru 2010.

27 F'dan il-kuntest tqum il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili, dwar it-terminu ta' preskrizzjoni f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn it-terminu ta' garanzija tnaqqas bi ftehim komuni għal sena. B'mod iktar preċiż din il-qorti tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' jekk, f'tali sitwazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' sena, imsemmi f'din id-dispożizzjoni, għandux jiġi estiż sal-iskadenza tat-erminu ta' garanzija ta' sentejn, prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

28 F'dan ir-rigward, JPC Motor b'mod partikolari ssosnti li, fir-rigward tar-*ratio legis* tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili, li huwa intiż li jevita li l-azzjoni tal-konsumatur tiġi preskritta qabel l-iskadenza tat-terminu ta' garanzija, l-estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni sal-iskadenza tat-terminu ta' sentejn ma jiġġustifikax ruħu meta t-terminu ta' garanzija jkun tnaqqas b'mod validu għal sena. F'tali sitwazzjoni, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-kawża li tista' titressaq mill-konsumatur jista' jiskadi qabel it-tmiem tat-terminu ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett użat.

29 Min-naħa tiegħu, C. Ferenschild isostni b'mod partikolari li d-Direttiva 1999/44 u, b'mod iktar preċiż, l-Artikolu 5(1) kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tagħha, ma tippermettix lill-Istati Membri jipprevedu, għall-azzjoni tal-konsumatur, f'dak li jikkonċerna l-bejgħ ta' oġġett użat, terminu ta' preskrizzjoni ta' inqas minn sentejn mill-kunsinna ta' dan l-oġġett.

30 Skont il-qorti tar-rinviju, peress li l-paragrafu 3 tal-Artikolu 1649 quater tal-Kodiċi Ċivili jista' jiġi interpretat fis-sens li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur jiskadi qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett użat, tqum il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Belġjan mad-Direttiva 1999/44, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 5(1) kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tagħha.

31 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-cour d'appel de Mons (qorti tal-appell ta' Mons) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 5(1) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [1999/44] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali interpretata fis-sens li tippermetti, li għall-oġġetti użati, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur tiskadi qabel it-tmiem tat-terminu ta' sentejn, li jibdew jiddekorru mill-kunsinna tal-oġġett li ma jikkonformax mal-kuntratt, meta l-bejjiegħ u l-konsumatur ikunu ftehmu fuq terminu ta' garanzija ta' inqas minn sentejn?"

Fuq id-domanda preliminari

32 Permezz tad-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 5(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu regola ta' Stat Membru li tippermetti li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur ikun ta' inqas minn sentejn mill-kunsinna tal-oġġett meta l-imsemmi Stat Membru jkun għamel użu mill-fakultà mogħtija permezz tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u meta l-bejjiegħ u l-konsumatur ikunu ftiehmu dwar terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ ta' inqas minn sentejn, jiġifieri ta' sena, għall-oġġett użat ikkonċernat.

33 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/44, intitolat "Limiti ta' żmien [Termini]", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi li għandha ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' termini li kull wieħed minnhom ifittex għan distint.

34 Minn naħa hemm it-terminu msemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, jiġifieri t-terminu ta' resonsabbiltà tal-bejjiegħ, li jirreferi għall-perijodu li matulu l-fatt li jsir apparenti difett ta' konformità tal-oġġett inkwistjoni jiskatta r-responsabbiltà tal-bejjiegħ prevista fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva u, għaldaqstant, jagħti bidu għad-drittijiet li dan l-aħħar artikolu jipprevedi favur il-konsumatur. Dan it-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ bħala prinċipju huwa ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett.

35 Min-naħa l-oħra, it-terminu li tirreferi għalih it-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva huwa terminu ta' preskrizzjoni li jikkorrispondi għall-perijodu li matulu l-konsumatur jista' effettivament jeżerċita d-drittijiet, li nħalqu matul it-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ, fir-rigward ta' dan tal-aħħar.

36 Fit-tieni lok, kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, filwaqt li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/44 jippreskrivi l-istabbiliment ta' terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ, li bħala prinċipju huwa ta' tul minimu ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett, huwa jħalli f'idejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali sabiex jiddeċiedu dwar l-introduzzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur.

37 Madankollu, mill-formulazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, moqrija flimkien mal-premessa 17 tagħha, jirriżulta li meta fid-dritt nazzjonali jkun ġie introdott terminu ta' preskrizzjoni, dan it-terminu ma jistax jiskadi matul is-sentejn mill-kunsinna tal-oġġett ikkonċernat, u dan anki jekk, b'applikazzjoni ta' dan id-dritt nazzjonali, l-imsemmi terminu ma jibdiex jiddekorri fid-data tal-kunsinna tal-imsemmi oġġett.

38 Mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jirriżulta li, sabiex tiġi żgurata protezzjoni uniformi minima tal-konsumaturi fil-kuntest tas-suq intern, konformement, b'mod partikolari, mal-Artikolu 1(1), id-Direttiva 1999/44 stabbilixxiet, permezz tal-Artikolu 5(1) tagħha, żewġ termini distinti, jiġifieri terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ u terminu ta' preskrizzjoni. Bħala prinċipju, kull wieħed minn dawn it-termini huwa ta' tul ta' żmien minimu obbligatorju ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett ikkonċernat.

39 In-natura vinkolanti ta' dan it-tul ta' żmien minimu bħala prinċipju huwa kkonfermat mill-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 7 tagħha, sa fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-partijiet bħala prinċipju ma jistgħux jidderogaw minnu permezz ta' ftehim u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan jiġi osservat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber, C-497/13, EU:C:2015:357, punt 55).

40 Fit-tielet lok, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-formulazzjoni stess tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/44 jippermetti li jiġi konkluż li hemm nuqqas ta' rabta bejn it-tul tat-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ u dak tal-eventwali terminu ta' preskrizzjoni. Fil-fatt, it-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva ma tagħmilx riferiment għall-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, bid-differenza ta' dak li jsostni, b'mod partikolari, il-Gvern Belġjan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, l-imsemmija dispożizzjoni ma tagħmilx it-tul tal-eventwali terminu ta' preskrizzjoni jiddependi fuq it-tul tat-terminu tar-responsabbiltà tal-bejjiegħ.

41 Fid-dawl tal-elementi ta' hawn fuq għandu jiġi kkonstatat li, minn naħa, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tul minimu ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett jikkostitwixxi element importanti tal-protezzjoni tal-konsumaturi ggarantita mid-Direttiva 1999/44 u li, min-naħa l-oħra, it-tul ta' dan it-terminu ma jiddependix fuq it-tul tat-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ.

42 Fir-raba' lok, għandu jiġi kkunsidrat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva, li skontu l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jipprevedu li, fil-każijiet ta' oġġetti użati, fir-rigward tar-responsabbiltà tal-bejjiegħ, il-bejjiegħ u l-konsumatur jistgħu jiftiehmu fuq tul ta' żmien iqsar minn dak previst fl-Artikolu 5(1) tal-istess direttiva mingħajr ma dak it-terminu jkun jista' jkun inqas minn sena, ma jiġġustifikax interpretazzjoni differenti.

43 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44 jirrigwarda mhux it-terminu ta' preskrizzjoni, iżda biss it-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ, kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-imsemmija direttiva, u, b'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Ingliża, Franċiża u Taljana, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tagħha jirreferu għall-"obbligu tal-bejjiegħ [responsabbiltà tal-bejjiegħ]".

44 Barra minn hekk, fil-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża, il-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44 hija saħansitra iktar espliċita f'dan ir-rigward. Fil-fatt, filwaqt li fl-ewwel sentenza tagħha din id-dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà li, għall-oġġetti użati, jiġi limitat il-perijodu li matulu l-bejjiegħ huwa responsabbli konformement mal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva ("der Verkäufer weniger lange haftet als in Artikel 5 Absatz 1 vorgesehen"), it-tieni sentenza tagħha tindika preċiżament li din il-possibbiltà tikkonċerna t-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ ("diese kürzere Haftungsdauer").

45 Barra minn hekk, il-premessa 16 tal-imsemmija direttiva, sa fejn issemmi li, għall-oġġetti użati, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-partijiet sabiex jiftiehmu fuq "perijodu [terminu] ta' responsabbiltà" iqsar, jikkonferma tali interpretazzjoni.

46 It-tieni nett, għandu jitfakkar, hekk kif diġà ġie ppreċiżat fil-punt 39 tas-sentenza preżenti, li t-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ ta' tul ta' sentejn mill-kunsinna tal-oġġett, kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/44, jikkostitwixxi terminu obbligatorju li fil-prinċipju l-partijiet

fil-kuntratt ma jistgħux jidderogaw minnu. Għaldaqstant, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 74 u 75 tal-konklużjonijiet tiegħu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, li jippermetti lill-Istati Membri sabiex, fil-każ tal-oġġetti użati, jipprevedu li l-partijiet jistgħu jistipulaw terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ iqsar, ta' tul taż-żmien ta' mhux inqas minn sena, jikkostitwixxi dispożizzjoni ta' eċċezzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, González Alonso, C-166/11, EU:C:2012:119, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 B'hekk, il-possibbiltà għall-Istati Membri li, fil-każ ta' oġġetti użati, jipprevedu li l-partijiet jistgħu jillimitaw it-tul tat-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ għal sena mill-kunsinna tal-oġġett ma tistax tippermetti lill-Istati Membri li jipprevedu wkoll li l-partijiet jistgħu jillimitaw it-tul tat-terminu ta' preskrizzjoni, imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) tal-imsemmija direttiva.

48 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-Istati Membri għandhom josservaw il-livell minimu ta' protezzjoni previst mid-Direttiva 1999/44. Għaldaqstant, minkejja li, konformement mal-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-premessa 24 tagħha, huma jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ, fil-qasam irregolat mill-imsemmija direttiva, dispożizzjonijiet iktar stretti bl-għan li jiżguraw livell ta' protezzjoni saħansitra iktar għoli tal-konsumatur, għall-kuntrarju huma ma jistgħux jippreġudikaw il-garanziji previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' April 2008, Quelle, C-404/06, EU:C:2008:231, punt 36).

49 Issa, regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti li l-limitazzjoni tat-terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ, għal sena, timplika tqassir tat-terminu ta' preskrizzjoni li minnu jibbenefika l-konsumatur jikkawża livell ta' protezzjoni inqas ta' dan tal-aħħar u jippreġudika l-garanziji li minnhom jibbenefika konformement mad-Direttiva 1999/44. Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 93 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-konsumatur għalhekk ikun imċaħħad minn kull rimedju ġuridiku qabel l-iskadenza tas-sentejn mill-kunsinna tal-oġġett, tul ta' żmien li madankollu huwa ggarantit lilu mit-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva.

50 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 5(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu regola ta' Stat Membru li tippermetti li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur ikun ta' inqas minn sentejn mill-kunsinna tal-oġġett meta l-imsemmi Stat Membru jkun għamel użu mill-fakultà mogħtija permezz tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u meta l-bejjiegħ u l-konsumatur ikunu ftiehmu dwar terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ ta' inqas minn sentejn, jiġifieri ta' sena, għall-oġġett użat ikkonċernat.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 5(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu regola ta' Stat Membru li tippermetti li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konsumatur ikun ta' inqas minn sentejn mill-kunsinna tal-oġġett meta l-imsemmi Stat Membru jkun għamel użu mill-fakultà mogħtija permezz tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u meta l-bejjiegħ u l-konsumatur ikunu ftiehmu dwar terminu ta' responsabbiltà tal-bejjiegħ ta' inqas minn sentejn, jiġifieri ta' sena, għall-oġġett użat ikkonċernat.

Firem